**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 348/2024 RM**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**-Vs-**

**SEAN ZAMMIT**

**Illum 3 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **SEAN ZAMMIT** ta' wieħed u tletin (31) sena, iben Anthony u Jacqueline Żammit nee' Grima, imwieled Pieta' nhar il-31 ta' Mejju 1992 u residenti Blk 2B, Bieb 1, Triq il-Gzira, Gzira, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 276892M akkużat talli f'xi ħin bejn l-erbgħa ta' wara nofsinhar (16:00) u l-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00) fit-tmienja (08) ta' April elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Triq Wignacourt, Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' helmet, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur, liemam valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' Maximilian John Agius u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 261(ċ)(g), 267, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kemm-il darba jinstab ħati jirrendi ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

3. Naqas milli josserva xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Anthony Micallef Trigona, datat tmintax (18) ta' Diċembru 2012 u li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet;
   *Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil- proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Maximilian John Agius billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-Ufficjali Prosekuturi jaqraw l-akkuzi u jikkonfermawhom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet lill-imputat waqt l-udjenza tat-3 ta' Ġunju 2024 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi kollha;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u wara illi kkoncedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli, semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat u fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reat ta' serq aggravat u l-fedina penali ferm u ferm oneruża tal-imputat fejn diversi drabi oħrajn ġie kundannat għal reati kriminali u anke ġie kundannat għal piena karċerarja. Fil-fatt, l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu wkoll għall-addebitu tar-reċidiva. Ikkunsidrat ukoll li l-ammissjoni tal-ħtija ma saritx fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri

iżda wara li xehdu diversi xhieda u ġie maħtur ukoll espert ġudizzjarju biex *inter alia* jislet fotogrammi mill-filmati esebiti.

Fl-istess waqt iżda, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi l-imputat irritorna r-res furtiva lid-derubat u wkoll il-fatt illi għalkemm l-imputat ammetta l-ħtija wkoll għar-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, mill-provi li tressqu s'issa huwa riskontrabbli biss il-ksur tal-kundizzjoni bin-numru erbgħa (4) tad-digriet mogħti fit-18 ta' Diċembru 2012 (Dok. X4). Dan ifisser illi għandu jiġi applikat il-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni għaliex l-istess att, ċioe' s-serq tal-helmet fit-8 ta' April 2024 ta lok ukoll fl-istess waqt għall-ksur ta' dispożizzjoni oħra tal-liġi, ċioe' l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 u konsegwentement, għandha tingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li huwa r-reat ta' serq aggravat, addebitat fl-ewwel imputazzjoni b'żieda naturalment tal-konfiska mandatorja tal-ammont stabbilit fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest. Madanakollu, fiċ-ċirkostanzi fejn dan id-digriet ingħata fit-18 ta' Diċembru 2012 u l-proċeduri relattivi għadhom sal-lum pendenti, il-Qorti tqis li ma għandhiex tordna l-konfiska tal-ammont kollu ta' €5,000 li ġie stabbilit iktar minn ħdax-il sena ilu għall-fini tal-ħelsien mill-arrest taħt garanzija. Dan minkejja l-fatt illi l-ksur riskontrat huwa wieħed gravi stante li l-imputat ma osservax waħda mill-iktar kondizzjonijiet onerużi tal-ħelsien mill-arrest, ċioe' li ma jikkommettix delitt waqt li jkun meħlus mill-arrest,.

Kollox magħdud, il-Qorti hija tal-fehma li għandha tinfliggi piena karcerarja effettiva u, billi ġie sottomess illi l-imputat għandu dipendenza fuq id-droga li jidher li wasslitu jikkommetti r-reati li qed jinsab ħati dwarhom illum, tqis ukoll li jkun opportun li jingħata trattament mandatorju biex jindirizza u jegħleb dan il-vizzju.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 20, 49, 50, 261(ċ)(ġ), 267, 271(ġ), 279(a), 280(1), 289 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lil SEAN ZAMMIT ħati tal-imputazzjoniijet kollha u tal-addebitu tar-reċidiva u tikkundannah tmintax (18)-il xahar priġunerija effettiva.**

Għall-fini tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska parzjali a favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) mill-ammont sħiħ stabbilit għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija fid-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Diċembru 2012 (Dok. X4).

Bl-applikazzjoni u għall-fini tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati biex jingħata t-trattament meħtieġ sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga u dan għal żmien tliet (3) snin.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-espert Dr. Stephen Farrugia Sacco fil-proċeduri, liema spejjez għandhom jiġu likwidati mill-istess Reġistratur u għandhom jitħallsu fi żmien sitt (6) xhur min-notifika dwar il-ħlas tal-ispejjeż kif hekk likwidati.

Għal dan il-għan tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti wkoll sabiex jieħu konjizzjoni tal-ordni għall-konfiska tal-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata wkoll lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jieħu ħsieb jimplimenta l-Ordni ta' Trattament, u lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi sabiex jieħu konjizzjoni tal-Ordni li għandha tiġi implimentata wkoll waqt li l-ħati jkun qed jiskontra l-piena ta' priġunerija.

DR. RACHEL MONTEBELLO
MAĠISTRAT.